27 ta' Marzu, 1957.

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

Maġġur Hannibal Scicluna, M.B.E. ne. *versus* Harry Zammit

**Preskrizzjoni — Ġurament — Art. 2253 (2) u 2256 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-azzjoni ta' min jaħdem sengħa jew arti mekkanika għall-prezz tal-opri jew xogħolijiet, jew materjal fornit, taqa' bil preskrizzjoni bl-għeluq ta' tmientax il-xahar; u xorta jkun hemm lok għall-preskrizzjoni, għad li kien hemm kontinwazzjoni ta' fornituri, konsenji bil-kreditu, xogħolijiet, servizzi, jew qadi ieħor. Imma, jekk il-kreditu jkun aċċettat mid-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqgħax bil-preskrizzjoni ħlief bl-għeluq ta' ħames snin, li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew dikjarazzjoni.*

*Għaldaqstant, f'każ ta' kreditu għal diversi somministrazzjonijiet, kull kreditu għandu jitqies għalieħ għall-finijiet tal-preskrizzjoni; u l-preskrizzjoni għandha tiġi akkolta għal dawk il-partiti tal-kreditu li l-azzjoni relativa għalihom tiġi eżerċitata wara l-għeluq ta' tmientax il-xahar mid-data li fiha dik l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata; salv il-każ tal-partiti li jkunu ġew aċċettati mid-debitur bil-miktub, fejn iż-żmien meħtieġ għall-kompiment tal-preskrizzjoni għandu jkun dak ta' ħames snin.*

*Il-ġurament li l-kreditur jiddeferixxi lid-debitur mhux intiż biex jikkompleta l-preskrizzjoni, imma biex jirrespinġiha; għax il-preskrizzjoni brevi tikkompleta ruħha bl-istess dekors taż-żmien.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attur, wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja, u wara li jiġi meħud kwalunkwe provvediment opportun, talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £14. 6. 0, bilanċ ta' provvista ta' materjal, kif jirriżulta mill-kont dettaljat — dokument "A". Bl-imgħax kummerċjali mit-30 ta' Novembru 1953. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Settembru 1956, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi l-attur nomine qiegħed jitlob il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £14. 6. 0 bħala bilanċ għall-kumpens ta' xogħol u provvisti ta' materjal fornit fil-motor car tal-konvenut matul is-snin 1952 u 1953, skond diversi krediti kif hemm spjegat dettaljatament fid-dokument "A" eżibit mal-att taċ-ċitazzjoni. B'ittra uffiċjali tal-20 ta' Settembru 1956 l-attur interpella lill-konvenut għall-pagament, u fit-18 ta' Ottubru 1956 istitwixxa l-azzjoni preżenti;

Illi skond l-art. 2253 (a) tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni ta' min jaħdem sengħa jew arti mekkanika għall-prezz tal-opri jew xogħlijiet, jew materjal fornit, taqa' bil-preskrizzjoni bl-għeluq ta' tmientax il-xahar; u skond l-art. 2256, xorta jkun hemm lok għall-preskrizzjoni, għad li kien hemm kontinwazzjoni ta' forrnituri, konsenji bil-kreditu, xogħlijiet, servizzi jew qadi ieħor. Iżda, taħt l-inċiż (2) tal-istess artikolu, jekk il-kreditu jkun aċċettat mid-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqgħax bil-preskrizzjoni ħlief bl-għeluq ta' ħames snin, li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew dikjarazzjoni;

Illi jirriżulta mid-depożizzjoni tax-xhud tal-attur, Maurice Micallef, li x-xogħol u fornituri ta' materjal indikati fl-ewwel disgħa partiti tad-dokument "A", taħt id-data taż-17 ta' April 1953, li jwasslu għall-prezz globali ta' £3. 11. 0, kienu ġew imniżżla f'kont għalihom, li wara li tlesta x-xogħol u l-materjal kien fornit, ġie preżentat lill-konvenut, u dan iffirmaħ, kif juri l-istess dokument "A". Dawk il-partiti jirrappreżentaw xogħol ta' "maintenance", u mhux xogħol ta' tiswija minħabba xi inċident li jkun kopert mill-assikurazzjoni. Il-konvenut xehed, f'dan ir-rigward (fol. 62), li l-istess dokument bil-firma tiegħu juri x-xogħol li sar mid-ditta tal-attur fil-karrozza tiegħu, u li l-firma għamilha meta ordna x-xogħol;

Illi, kif iddeċediet il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fis-7 ta' Jannar 1939, fil-kawża "Dr. Antonio Caruna vs. Antonio Spiteri" (Kollez. Vol. XXX, P.I, paġ. 964), għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kull kreditu għandu jiġi meqjus għalieħ, stante d-dispożizzjoni tal-art. 2256 tal-Kodiċi Ċivili kif interpretat mill-ġurisprudenza (ara P.A. "Ciantar vs. Catania ne.", 10 ta' Ġunju 1926, u s-sentenzi hemm ċitati). Għalhekk, għall-finijiet tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenut, il-kreditu ndikat fid-dokument "A" bħala l-ewwel disgħa partiti taħt id-data taż-17 ta' April 1953, li jammonta għal £3. 11. 0, għandu jitqies għalieħ; u peress li dan il-kreditu ġie aċċettat bil-miktub mill-konvenut, il-preskrizzjoni f'dan ir-rigward mhix dik ta' tmientax il-xahar, imma ta' ħames snin;

Illi għalhekk, ħlief għall-partiti fuq indikati, il-kumplament tal-kreditu hu preskritt bil-kors ta' tmientax il-xahar. Għalkemm il-konvenut xehed li ma għandu jagħti xejn lill-attur, iżda mhux għax dan iddeferielu l-ġurament, xorta waħda hemm il-preskrizzjoni, anki għax il-ġurament li l-parti tista' tiddeferixxi lill-oħra mhux intiż biex jikkompleta l-preskrizzjoni, imma biex jirrespinġiha, billi l-preskrizzjoni brevi, bħal dik opposta mill-konvenut, tikkompleta

ruħha bl-istess perkors taż-żmien (ara P.A. "Barbara vs. Sant", 5 ta' Ottubru 1955, u s-sentenzi hemm ċitati);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Preliminarment tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għall-ammont kollu ndikat fiċ-ċitazzjoni, ħlief għas-somma ta' £3. 11. 0 bħala prezz totali tal-ewwel disgħa partiti ndikati fid-dokument "A", taħt id-data taż-17 ta' April 1953;

U tordna li l-kawża titkompla ulterjorment;

L-ispejjeż jitħallsu tliet kwarti mill-attur u kwart mill-konvenut.